MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 11/2011

**Appell Nru. 11/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Tania Borg**

**Illum 31 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [detentrici tal-karta tal-identtita` numru 515577(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fit-18 ta' Lulju 2010, bhala bejjiegh waqt il-festa ta' San Bastjan – Hal-Qormi, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi

ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvisti, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dawk il-provvisti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni u taghha kkundannataha multa ta' tmien mitt Eeuro (€800), stante li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-liberazzjoni in konnessjoni mat-tieni akkuza, tvarja u tibdel is-sentenza in kwantu ghall-ewwel akkuza, fejn l-appellanta nstabet hatja u giet immultata s-somma ta' €800, fis-sens illi l-appellanta ghandha tigi liberata minn din l-akkuza ghar-ragunijiet 'il fuq imsemmija, jew jekk ghal ragunijiet taghha, din il-Qorti jidhrilha li l-akkuza appellata tirrizulta, ghandha minhabba l-fatti specjali tal-kaz tnaqqas il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Fl-ewwel istanza l-Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-fatt li l-allegat ksur tal-ligi skont l-Att XXIII tal-1998 sar minn wara dahar u minghajr l-gharfien jew il-kunsens tal-imputata nfisha.

Illi l-Kummissarju tal-VAT naqas milli jressaq l-ahjar prova billi ma harrikx bhala xhud tal-prosekuzzjoni lill-presunt bejjiegh li dakinhar tat-18 ta’ Lulju, 2010 inghad li wettaq transazzjoni ta’ €3.60 u li ghaliha ma harigx ircevuta fiskali.

Illi l-prosekuzzjoni lanqas ma pprezentat stqarrijiet mill-persuna li setghet agixxiet ta’ bejjiegh, sabiex jikkorobora l-verzjoni tal-fatti u jikkonferma li dakinhar verament sehh l-akkadut u/jew li gie avvicinat mill-istess spetturi.

Illi oltre dan, il-prosekuzzjoni lanqas ma tellghet bhala xhud lil persuna li allegatament xtrat minn dan il-kiosk u ma nghatatx ircevuta. Dan facilment seta` jsir peress li l-Ispetturi xehdu quddiem l-Ewwel Qorti li huma kienu quddiem il-kiosk meta sar il-bejgh u allura kellhom kull facilita` li jiehdu d-dettalji tax-xerrejja u jtellghuha bhala xhud in sostenna tal-akkuzi li huma ressqu.

Illi z-zewg spetturi tal-VAT xehdu li meta kellmu lill-allegat bejjiegh, dan qatt ma indika lill-appellanta Tania Borg bhala l-employer tieghu jew li qabbditu jaghmel xi xoghol ghan-nom taghha jew tan-negozju li suppost tiggestixxi.

Illi gie stabbilit mis-smiegh fl-ewwel istanza, li d-dipartiment tal-VAT fl-ebda hin ma indaga l-kaz jew tal-inqas sejjah ghall-esponenti sabiex tivverifika r-rekords tad-Dipartiment u sabiex tispjega l-posizzjoni taghha qabel jinhargu akkuzi fil-konfront taghha.

Illi meta xehdu quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ispetturi tal-VAT Kenneth Abela u Brian Debono ma tawx spjegazzjoni kif

il-kiosk in kwistjoni huwa marbut man-numru tal-VAT li kellha l-appellanta u ghaldaqstant dan seta` kien kwalunkwe kiosk li l-appellanta bl-ebda mod ma jista` jkollha konnessjoni mieghu.

Illi z-zewg xhieda prodotti stqarrew li ma jiftakrux ezatt minn fejn irrilevaw tali numru tal-VAT u anzi taw verzjonijiet kuntrastanti bi presuppozizzjonijiet kif dan in-numru seta` gie rilevat.

Illi l-esponenti sa dakinhar li dehret il-Qorti lanqas kienet taf il-fatti tal-kaz u saret tafhom proprju dakinhar meta xehdu l-Ispetturi tal-VAT ghaliex kif jidher mill-akkuzi, dawn huma generici u minnhom qatt ma setghet tkun taf il-fatti, ghalhekk anke d-difiza taghha kienet wahda spontanja u lanqas setghet taghmel l-ahjar difiza possibbli.

Illi peress li l-akkuzi huma ta' natura penali, l-prosekuzzjoni kellha minghajr l-ebda dubju tipprova li kien hemm ness personali bejn l-appellanta u l-akkadut. Filfatt ma kien hemm l-ebda ness bejn l-appellanta u x'gara fit-18 ta' Lulju.

Di fatti, kif gja gie spjegat f'dan l-appell, huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza Maltija illi fi procedimenti penali, l-prosekuzzjoni mhux biss ghandha ggib l-ahjar prova li f'dan il-kaz ma gabitux imma aktar minn hekk kull prova li ggib ghandha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f'mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellanta.

Mir-rizultanzi processwali tal-inqas jezisti dubju dettatt mir-raguni u huwa stabbilit li fejn jezisti dubju ragjonevoli ghandu jkun hemm il-liberatorja. Jirrizulta ghalhekk li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuza appellata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) Brian Debono u Kenneth Abela, zewg VAT inspectors, marru jaghmlu spezzjoni fuq kiosk illi kien

armat wara l-knisja ta' San Bastjan. Raw persuna tixtri u rcevuta ma kinitx inghatat. Osservaw illi kien hemm ragel barrani qed ibiegh. Dan qalilhom illi ma kienx jaf juza l-cash register; lanqas ma kellu ktieb tal-ircevuti. Kenneth Abela pprova jhaddem il-cash register però dina ma hadmitx. Wara investigazzjoni sabu illi l-kiosk kien registrat fuq l-appellanta Tanya Borg, però lil din ma rawhiex fuq il-post u lanqas ma kellmuha wara. Il-persuna li kien qed ibiegh qalilhom li l-kiosk ma kienx tieghu.

L-appellanta Tanya Borg xehedet li hija lecturer l-MCAST. F'xi zmien kienet dahlet f'relazzjoni ma' ragel barrani li xtaq jahdem Malta u ghalhekk xtrat dan il-kiosk. Però fl-elfejn u disgha (2009) beda l-inkwiet bejniethom u fl-elfejn u ghaxra (2010) inkisret ir-relazzjoni. Tanya Borg tghid illi l-kiosk kellu jibqa' go garaxx u l-ex partner taghha Emil Gustavo Ernesto kellu jbieghu biex mir-rikavat tithallas tal-flus illi nefqet biex xtrat il-kiosk. Ma kellu l-ebda awtorizazzjoni johrog il-kiosk mill-garaxx u wisq anqas jahdem bih.

Dak iz-zmien illi saret l-ispezzjoni, fit-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010), l-appellanta kienet imsiefra u ma kellha l-ebda idea li l-kiosk kien qed jigi uzat. Veru illi ma kinitx ghadha ghamlet il-procedura ta' de-registration, però kellha mohhha mistrih illi l-kiosk kien fil-garaxx u ma kienx se jigi uzat.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza mhiex qieghda tikkontesta l-fatti. Huwa minnu illi fit-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) Emil Gustavo Ernesto kien qieghed jopera dan il-kiosk fl-inhawi tal-knisja ta' San Bastjan minghajr il-permess jew awtorità tal-appellanta illi f'isimha kien registrat dan il-kiosk.

Din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mix-xhieda tal-appellanta meta tghid illi dakinhar kienet imsiefra u ma kinitx taf x'qieghed jigri b'dan il-kiosk. Ukoll illi Emil Ernesto kien qieghed ibiegh minnu kontra l-ligi.

Il-Qorti ssib illi l-appellanta hawnhekk ghandha ragun. L-akkuza migjuba kontra taghha tghid illi naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha. Imkien ma rrizulta illi Emil Gustavus Ernesto kien qieghed jagixxi ghan-nom tal-appellanta, anzi kien jidher proprju l-oppost illi din il-persuna ma kellha qatt tohrog il-kiosk mill-garaxx u wisq anqas tbiegh minnu. Veru illi f'xi zmien il-kiosk gie moghti volontarjament lil Emil Gustavus Ernesto sabiex jahdem Malta u anke gie registrat bhala impjegat u wkoll illi l-obbligu qieghed fuq l-appellanta biex tassigura d-de-registrazzjoni tal-kiosk la dan ma giex uzat. Però jrid ikun hemm ix-xjenza jew almenu xi traskruagni fin-nuqqas tal-obbligi statutorji. Però dakinhar, fit-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010), Emil Gustavus Ernesto la kien ghadu impjegat maghha u wisq anqas qieghed jagixxi ghan-nom taghha.

Ghalhekk il-Qorti thoss illi l-appellanta m'ghandhiex terfa' l-piz kollu tal-ligi meta kien haddiehor li abbuza mill-fiducja taghha u di più agixxa direttament kontra l-istruzzjonijiet illi kienet tat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-liberazzjoni in konnessjoni mat-tieni akkuza, tvarja u tbiddel is-sentenza in kwantu ghall-ewwel akkuza fejn l-appellanta nstabet hatja u giet immultata s-somma ta' tmien mitt ewro (€ 800), u minflok tiddikjara lill-appellanta mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tordna illi tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------